# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Ħamsa (5) ta' Ottubru 2021**

**Rikors Numru 679/21 FDP**

Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 951/2021 u
wara l-kawża bin-numru 1073/2019
fl-ismijiet

**Charles u Lucienne konjuġi Taliana (ID 286269M) u (271378M)**

**Vs**

**Mario Vella (ID 463875M) u, b'digriet datat 3 ta' Lulju 2020, ġiet kjamata fil-kawża Joanne Rose Vella (ID 102104L)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors ta' Joanne Rose Vella, datat 14 ta' Lulju 2021, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbet is-segwenti:

    *Illi l-esponenti rċiviet kontra tagħha mandat ta' sekwestru kawtelatorju għas-somma ta' €39,913, illi pero jirriżulta anki prima facie illi dan l-ammont ċertament m'huwiex dovut minnha u lanqas ma jista' jkun dovut minnha meta wieħed iħares lejn t-talbiet attriċi u l-eċċezzjonijiet miġjuba mill-esponenti.*

    *Illi permezz kawża odjerna l-attur talab illi Mario Vella iħallas s-somma ta' €39,913. Illi l-esponenti lanqas biss kienet parti mill-proċeduri meta*

*dawn infetħu, imma ġiet kjamata in kawża għall-raġunijiet oħra kif ser jiġi trattat aktar tard f’dan ir-rikors. Illi tant hu hekk illi t-talbiet attriċi huma imsejsa fuq skrittura ffirmata minn Mario Vella, li ma tinkludiex lill-esponenti.*

*Illi l-eċċezzjonijiet mogħtija minn Mario Vella kienu fis-sens illi l-iskrittura in kwistjoni m’għandha l-ebda validita fil-liġi, ġia la darba tikkostitwixxi att straordinarju ta’ amministrazzjoni għaliex ma kinitx tinkludi l-firma tal-mara u għalhekk qiegħda tiġi kkuntestata.*

*Illi għalhekk il-mara, ossija l-esponenti iddaħlet fil-kawża bħala kjamata in kawża mhux għaliex hija tista’ tiġi kkundannata tħallas xi ammont permezz ta’ dawn il-proċeduri, imma għaliex hija għandha interess fil-kawża in vista ta’ l-eċċezzjonijiet mogħtija minn Mario Vella.*

*Illi ġia la darba l-kawża hija bbażata fuq allegat skrittura ta’ debitu, anki prima facie joħroġ ċar illi huwa l-persuna li hija firmatarja fuq l-iskrittura li semmai tista’ tiġi kkundannata tħallas, u mhux l-esponenti.*

*Illi meta wieħed jagħsar il-mertu tal-kawża odjerna, kemm mir-rikors inniffsu, kif ukoll mill-eċċezzjonijiet mogħtija, u meta wieħed jara r-raġuni il-għaliex ’l-esponenti ġiet kjamata fil-kawża, jirriżulta illi l-atturi qegħdin jitolbu ħlas mingħand Mario Vella, in segwitu għall-skrittura ffirmata bejniethom, liema skrittura qiegħda tiġi kkuntestata minn Mario Vella minħabba li martu m’hijiex firmatarja, u għalhekk ġiet kjamata martu minħabba l-interess tagħha f’dawn il-proċeduri, ossija li tara li l-iskrittura tiġi meqjusa nulla, u xejn aktar. F’dan l-ambitu tal-kawża, ma hemm l-ebda talba għall-ħlas kontra Joanne Rose Vella, u Joanne Rose Vella ma tinkwadra imkien bħala debitriċi, b’konsegwenza illi hija għandha mandat intavolat kontra tagħha għalxejn.*

*Konsegwentament u in vista tal-premess il-mandat odjern għandu jiġi revokat fil-konfront ta’ Joanne Rose Vella u dan ai termini tal-Artikolu 836 (1) (b)(d) u (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.*

*Għaldaqstant l-esponenti qegħdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni xierqa u opportuna taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi tirrevoka l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 951/2021 fl-ismijiet hawn fuq premessi fil-konfront ta’ l-esponenti Joanne Rose Vella u dan ai termini tal-Artikolu 836(1) (b)(d) u (f) tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. Rat illi fid-9 ta’ Settembru 2021, Charles u Lucienne konjuġi Taliana rrispondew għal dak mitlub billi qalu s-segwenti:

   1) *Illi l-esponenti ġiet notifikata bir-rikors intavolat minn Joanne Rose Vella (aktar 'il quddiem magħrufa bhala "ir-Rikorrenti") li permezz tiegħu talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka l-mandat ta' sekwestru*

*kawtelatorju numru 951/2021 fl-ismijiet fuq premessi (aktar 'il quddiem magħruf bħala "il-Mandat") fil-konfront tal-istess Joanne Rose Vella liema talba saret a bażi tal-Artikoli 836(1) (b) (d) u (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2) *Illi kif jirriżulta mit-talbiet tar-Rikorrenti, l-istanzi illi l-istess Rikorrenti qed tqajjem sabiex issostni t-talba tagħha għar-revoka tal-Mandat huma tlieta u ċioe:*

   a) *Li waħda mill-ħtiġijiet tal-Liġi għall-ħruġ tal-Mandat ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;*
   b) *Jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;*
   c) *Jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġjonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli.*

3) *Illi, sabiex tiġi inkwadrata t-talba mressqa mir-Rikorrenti, l-esponenti ser jissenjalaw il-fatti ewlenin rilevanti għall-kwistjoni li għandha quddiemha din l-Onorabbli Qorti hekk kif jirriżultaw mill-atti tal-kawża. L-esponenti jiġġestixxu negozju fil-bejgħ tal-prodotti tal-ħalib u ssuplixxew regolarment il-ħanut bl-isem ta' Gogo li jinstab fi Triq is-Snajjin, Mellieħa. Minkejja li kienu nħarġu diversi ċekkijiet minn kont bankarju intitolat "Mr M & Mrs JR Vella - Gogo Minimarket", kont bankarju miżmum mill-HSBC Bank Malta plc mill-konjuġi Vella, dawn ma ġewx onorati mill-Bank minħabba nuqqas ta' fondi fil-kont imsemmi. Sussegwentement, il-konvenut Mario Vella, ir-raġel tar-Rikorrenti, iffirma skrittura privata datata 10 ta' Awwissu 2019 li permezz tagħha aċċetta li s-somma hemm indikata kienet dovuta bl-interessi legali, iżda minkejja li ġiet miftiehma modalita ta' ħlas bi qbil mal-konvenut Mario Vella, il-ħlas dovut baqa' ma sarx. Konsegwentement l-esponenti pproċedew bil-kawża sabiex il-konvenut Vella jiġi kundannat iħallas id-debitu dovut. Fir-risposta tiegħu, il-konvenut Vella ma ċaħadx li l-ammont huwa dovut, iżda sostna li l-mara tiegħu ossia r-Rikorrenti odjerna "għandha tkun parti in atti stante illi hawn si tratta dejn tal-komunjoni tal-akkwisti li ma jinkombix lilu biss imma wkoll lil martu a tenur tal-liġi".*

4) *Wara li saret talba mill-konvenut Vella għall-kjamat in kawża ta' martu r-Rikorrenti, din il-Qorti kienet akkordat is-sejħa fil-kawża tagħha b'digriet mogħti fl-udjenza tat-3 ta' Lulju 2020.*

5) *Huwa notevoli illi, hekk kif jirriżulta mill-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Marzu 2021, ir-Rikorrenti straħet fuq l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-konvenut Mario Vella u ddikjarat li dawn "għandhom japplikaw ukoll bħala l-eċċezzjonijiet tagħha wkoll, salv il-possibilita li tqajjem eċċezzjonijiet ulterjuri ta' preskrizzjoni...".*

6) *Illi, stabbilit dan il-kwadru tal-fatti, l-esponenti jopponu għat-talba dedotta għar-raġunijiet li ser isegwu;*

***Is-subparagrafu (b) tal-Artikolu 836(1)***

7) *Waħda mir-raġunijiet mogħtija mir-Rikorrenti għar-revoka tal-Mandat hija li waħda mill-ħtiġijiet tal-Liġi għal-ħruġ tal-Mandat ma tkunx għadha fil-fatt teżisti. Biex tavvera ruħha din ir-raġuni, irid jirriżulta mqar prima facie illi kien hemm xi rekwiżit għall-ħruġ tal-Mandat li kien jeżisti fil-jum meta nħareġ il-Mandat, u li fid-data tal-preżentata tar-rikors ma jkunx għadu jeżisti.*

8) *Għalkemm fit-talba tagħha, r-Rikorrenti tirreferi speċifikament għas-subparagrafu (b) bħala raġuni għala qiegħda titlob ir-revoka tal-Mandat, waqt li kienet qiegħda testendi r-rikors ma tat l-ebda indikazzjoni liema, fil-fehma tagħha, kien ir-rekwiżit tal-Mandat li ma kienx għadu jeżisti. Għandu jingħad li mhuwiex il-kompitu tal-parti l-oħra, multa magis tal-Qorti, li tispekula x'seta' kien ir-rekwiżit li m'għadux jeżisti. L-oneru jispetta lir-Rikorrenti illi, fl-ewwel lok, tindika għal liema rekwiżit qiegħda tirreferi u, fit-tieni lok, li tipprova mqar prima facie li dak ir-rekwiżit m'għadux jeżisti.*

9) *Peress li dan l-oneru ma ġiex sodisfatt fir-rikors promutur, liema rikors skont l-Artikolu 836(2) għandu jikkontjeni "is-sottomissjonijiet kollha li tkun trid tagħmel", it-talba, bażata fuq dan is-subparagrafu, għandha tiġi respinta.*

***Is-Subparagrafu (d) tal-Artikolu 836(1)***

10) *It-tieni raġuni mressqa mir-Rikorrenti għar-revoka tal-Mandat fil-konfront tagħha huwa li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv. Ir-Rikorrenti ma tressaq ebda raġuni, ġustifikazzjoni jew prova li l-ammont mitlub mhuwiex ġustifikat jew eċċessiv. Fil-fatt meta għamlet tagħha r-risposta ġuramentata tal-konvenut żewgha Mario Vella, ma kkontestax l-ammont per se iżda biss ressqet, kif qed tagħmel fir-rikors odjern, argumenti legali marbuta mal-posizzjoni tagħha fir-rigward tad-debitu pretiż mill-esponenti;*

11) *Sabiex l-ammont imsemmi fl-att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżagerat fid-dawl tat-talba li ssir ("Salvino Farrugia vs Exalco Holdings Ltd" - PA/GV - 6 ta' Diċembru 1999) jew l-ammont ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhrix mad-daqqa t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod azzardat. Fil-każ tal-lum, il-prova li kienet tispetta lir-Rikorrenti ma nġabitx. Anzi jidher li l-quantum mhuwiex kontestat mir-Rikorrenti; dak li fil-fatt qiegħed jiġi kontestat huwa l-leġittimita' tal-pretensjoni tal-esponenti, kwistjoni li trid tiġi trattata u deċiża fil-kawża dwar il-mertu mhux fil-proċediment tal-lum.*

### *Is-Subparagrafu (f) tal-Artikolu 836(1)*

12) *It-tielet raġuni mogħtija mir-Rikorrenti sabiex issostni t-talba tagħha hija jintwera li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġjonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli.*

13) *Fl-ewwel lok u mill-aspett legali, jiġi rilevat illi kif ritenut konsistentement mill-qrati nostrali, din id-disposizzjoni tal-Liġi timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinstabu fl-istess disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma tal-Mandat fis-seħħ issa m'għadux il-każ (ara f'dan ir-rigward Rik. Nru 1103/2003 deċiż fl-14 ta' Awwissu 2009 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili per Imħallef JR Micallef, fost l-oħrajn). Ir-Rikorrenti naqset li turi x'bidla seħħet wara l-ħruġ tal-Mandat li minnha t-talba tagħha għat-tħassir tal-istess qed tiġi fondata.*

14) *Fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti jissottomettu li l-fatt li oriġinarjament ir-Rikorrenti ma kinitx ċitata bħala parti fil-kawża illum huwa punt irrilevanti għaliex żewġha stess Mario Vella talab is-sejħa fil-kawża ta' martu r-Rikorrenti. Meta kjamat fil-kawża jiġi ammess f'kawża għall-integrazzoni tal-ġudizzju, huwa jilbes il-libsa ta' konvenut. Ċara ħafna kienet is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-19 ta' Mejju 1995 fil-kawża Wismayer et vs Wismayer et noe , fejn ingħad illi kull kjamat fil-kawża irid bilfors ikun konvenut. Isegwi li, bħala tali, jista' jigi kundannat jew liberat mit-talba daqs kieku l-kawża kienet proposta kontra tiegħu (Chapelle Paelologo vs Alamango, Appell Ċivili, 17 ta' Mejju 1963).*

15) *Issa, il-bazi tal-pretensjoni tal-esponenti hija l-kreditu dovut lilhom li sar fil-kuntest ta' provvista ta' oġġetti konsumabbli. L-iskrittura li kienet saret wara, li fiha hemm rikonoxximent tad-dejn in kwistjoni mill-konvenut Mario Vella, huwa ançillari għad-dejn.*

16) *Magħdud ma' dan, jiġi rilevat bir-rispett illi l-kreditu in kwistjoni huwa kreditu li sar fil-ġestjoni tan-negozju ta' Gogo Mini-Market, att normali ta' ġestjoni ta' kummerċ u negozju fit-termini tal-Artikolu 1324 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk jorbot anke l-komunjoni tal-akkwisti u mhux neċessarju li r-Rikorrenti tkun parteċipi fih. L-artikolu 1324 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li att li normalment hu meqjus bħala att ta' amministrazzjoni straordinarju, jista' jsir minn konsorti wieħed u jkun validu, jekk dak l-att ikun att normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni tal-konsorti li jkun aġixxa mingħajr il-permess tal-parti l-oħra. L-iskop ta' l-artikolu 1324 hu intiż biex, fil-konfront ta' terz, il-komunjoni tintrabat anke meta att straordinarju jsir minn konsorti wieħed biss, basta*

*li jkun att "normali" ta' ġestjoni ta' kummerċ. It-terz, allura, ma jkollux għalfejn, kull darba, li jinnegozja ma’ konsorti jitlob li dan ta' l-aħħar iġib il-parti l-oħra miegħu, għax jaf li, bil-firma ta' parti waħda, xorta waħda jkun kopert.*

17) *Stabbilit dan, l-istess japplika għall-iffirmar tal-iskrittura ta' aċċettazzjoni ta' tali debitu minn żewġ ir-Rikorrenti. Kompriżi fit-terminoloġija ta' att normali ta' ġestjoni ta' negozju, wieħed għandu jinkludi mhux biss l-atti ġornalieri ta' kummerċ, iżda wkoll dawk l-attivitajiet li, għalkemm ma jsirux fuq bażi regolari, huma pero' normali fil-kummerċ u n-negozju. Il-liġi, fil-fatt, ma tużax il-kelma "regolari" jew "ta' kuljum" għall-eċċezzjoni, iżda att normali, u att ikun "normali" skond in- negozju u ż-żmien li fih sar l-att. Hekk, per eżempju, fil-kawża Bonnet vs Borg, deċiża minn din il-Qorti (per Onor. Albert J. Magri) fl-20 ta' Jannar, 1999, intqal li self li persuna tieħu u l-għoti ta' kambjali in garanzija għar-restituzzjoni, hu att kopert bl-artikolu 1324. Fil-kawża Simonds Farsons Cisk plc vs Celeste, deċiża wkoll minn din il-Qorti (per Onor. G.Valenzia), fit-30 ta' Marzu, 2001, intqal li l-akkwist ta' self u l-iffirmar ta' exclusive purchase agreement mas-soċjeta' attriċi, huwa att li wkoll jaqa' taħt l-artikolu 1324 tal-Kodiċi Ċivili. Dawn il-kuntratti ma kinux kuntratti li negozjant jidħol fihom kuljum, iżda, fiċ-ċirkustanzi tas-suq ta' illum, huma kuntratti li normali li min ikun fil-kummerċ jiffirma.*

18) *Bid-dokument li ġie iffirmat mill-konvenut Mario Vella, ma assuma ebda obbligazzjoni addizjonali iżda irrikonoxxa dak id-dejn li kien diġa bla dubbju dovut wara li l-konjuġi Vella kien ħarġu anke ċekkijiet fir-rigward li ma ġewx onorati, u jekk xejn, id-dokument kien intiż biex jaġevola lid-debituri għaliex kien qed jagħtihom konċessjoni għall-ħlas tad-dejn minflok l-esponenti eżigew li jkun dovut f'daqqa.*

19) *L-obbligazzjoni in kwistjoni hi, allura, mhux biss obbligazzjoni valida li ħoloq ir-raġel ai termini tal-artikolu 1324 tal-Kodiċi Ċivili, iżda wkoll hi obbligazzjoni li torbot lill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-konjuġi Vella.*

20) *Fi kwalunkwe każ, u jekk għal grazzja tal-argument biss, kien meħtieġ il-firma tal-konjuġi fuq il-ftehim li kien sar, dan in-nuqqas ma jirrendix il-ftehim invalidu a priori, iżda biss dritt mogħti lil dik il-konjuġi li ma tiffirmahx li tannulla att ai termini tal-artikolu 1326(2).*

*Tant għandhom umilment x'jissottomettu l-esponenti għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

3. Rat illi fid-29 ta’ Settembru 2021, ir-rikors kien appuntat għas-smigħ, u l-abbli difensuri tal-partijiet ttrattaw oralment dakinhar stess, wara liema trattazzjoni il-kawża tħalliet għal-lum għal deċiżjoni finali.

**Ikkunsidrat**

4. Jirriżulta illi r-rikorrenti, Joanne Rose Vella, kjamata fil-kawża mir-raġel tagħha, Mario Vella, fil-proċeduri mibdija kontra tiegħu mill-konjuġi Charles u Lucienne Taliana, intavolat il-proċeduri odjerni biex titlob ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru illi l-konjuġi Taliana kienu intavolaw kontra l-konjuġi Vella, ossija Mandat ta' Sekwestru 951/2019, liema talba għar-revoka qiegħda ssir fuq tlett raġunijiet distinti:

    a) Illi waħda mill-ħtigijiet tal-Liġi għal-ħruġ tal-Mandat ma kinetx għadha fil-fatt teżisti – Art 836 (1) (b);

    b) Illi l-ammont mitlub ma kienx prima facie ġustifikat jew kien eċċessiv – Art 836 (1) (d);

    c) Illi, fiċ-ċirkostanzi, mhuwiex raġjonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli – Art 836 (1) (f).

5. Il-Qorti tosserva illi, r-raġunijet mogħtija minn Joanne Rose Vella fir-rikors promotur, kif ukoll spjegati mill-abbli difensur tar-rikorrenti fis-sottomissjonijiet orali, huma lkoll ibbażati fuq l-applikabilita' jew le ta' skrittura ffirmata bejn il-konjuġi Taliana w ir-raġel tar-rikorrenti, ossija Mario Vella, liema meritu huwa l-bażi kollha tal-azzjoni pendenti quddiem dina l-Qorti, Rikors Ġuramentat Nru 1073/2019 fl-ismijiet 'Charles Taliana et vs Mario Vella et', fuq ġia indikata.

6. Il-Qorti tqis illi hawnhekk għandha tagħmel referenza għal dak deċiż mill-Prim' Awla fit-28 ta' April 2015 fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' kontromandat fl-ismijiet **DOM Communications Ltd vs. Office Group Ltd**, fejn intqal is-segwenti:

    *"... fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija bl-ebda mod ma tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie.*

    *Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet* ***Camilleri vs Gové et****, deċiża fl-10 ta' Mejju, 2001, b'dan il-kliem:*

    *"mid-dispożizzjoni tal-Art. 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta'* ***prima facie*** *(*sottolinjar ta' dina l-Qorti*) u dan għaliex il-mandat kellu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali fil-kawża proprja."*

7. L-istess ġie rilevat fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1235/2015 fl-ismijiet **Gaetano Abdilla et vs Bianco Charles et,** fejn intqal is-segwenti:

> *"L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab ir-revoka. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv. Illi dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipji li d-dritt għal azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha sakemm il-jedd sostantiv ikkontestat jiġi definit minn Qorti (Vide Vincent Mercieca vs George Galea, 29 ta' Novembru, 2011, u Technobroadcast srl vs Mediterrenean Broadcasting Limited, tal-5 ta' Ġunju, 2007)."*

8. Mill-assjem tal-fatti kif spjegati mir-rikorrenti Joanne Rose Vella, ma jirriżulta li ebda mit-tlett raġunijiet minnha indikati fir-rikors promotur, ma ġew b'xi mod, ippruvati fuq bażi '*prima facie*' u kwalsiasi allegazzjoni jew argumentazzjoni minnhom mqajjma jeħtieġu, ta' bilfors, illi dina l-Qorti tidħol fil-meritu tal-kawża proprja bejn il-konjuġi Taliana w ir-raġel tagħha, Mario Vella, kif ukoll lilha stess, wara illi r-raġel tagħha kjamaha in kawża.

9. Jirriżulta, għalhekk, illi ma jeżistu ebda mill-elementi rikjesti mill-liġi għat-tneħħija u/jew varjazzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru, kif minnha mitlub.

**KONKLUŻJONI:**

**Il-Qorti;**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali w semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi r-rikors intavolat minn Joanne Rose Vella billi:

**Tiċħad** it-talbiet tar-rikorrenti Joanne Rose Vella kif dedotti;

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu a kariku ta' Joanne Rose Vella.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**